MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 2438/1999/1

**Joe Sammut**

**Vs**

**Malta International Airport plc.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi huwa impjegat tal-AirMalta plc. u s-socjeta' konvenuta fit-20 ta' April 1997 issottoskriviet ftehim ma l-attur li permezz tieghu hija assimiet lill-attur fl-impieg fuq bazi ta' "secondment" ghall-perjodu ta' tlett snin fil-kariga ta' Chief Executive, b'effett mill-10 ta' Marzu 1997 (Dok A);

Premess illi madwar sena wara li l-attur assuma l-kariga ta’ Chief Executive tas-Socjeta’ konvenuta, din intimatu li minhabba li hija kienet qed tippjana li tkun privatizzata, hija ma rieditx li huwa jibqa’ maghha fuq bazi ta’ “secondment”, izda kellu jirrinuzja ghall-impjieg tieghu mal-Airmalta p.l.c. u jsir impjegat dirett tas-socjeta’ konvenuta;

Permess illi l-posizzjoni gdida li s-socjeta’ konvenuta assumiet li l-attur ma jkunx maghha “*on secondment*” kienet kontra l-ftehim espress li hija kienet ghamlet ma l-attur li jkun maghha “*on secondment*”;

Premess illi minhabba f’hekk l-attur kien kostrett li ma ikomplix ghall-perijodu miftiehem ta’ tlett snin fil-kariga ta’ Chief Executive tas-socjeta’ konvenuta u irritorna ghall-Airmalta p.l.c. izda dana bi pregudizzju ghalih, kemm ghaliex ma setghax jerga’ jassumi l-kariga u l-mansjonijiet li kellu qabel ma’ s-socjeta’ konvenuta haditu maghha “*on secondment*”; kif ukoll ghaliex tilef kemm iz-zieda li kellu fis-salarju mas-socjeta’ konvenuta’ kif ukoll diversi beneficcji ohra, kif jigi muri fil-kawza;

Permess illi l-pregudizzju kollu li l-attur sofra billi kien kostrett ma jkomplix fil-kariga ta’ Chief Executive tas-socjeta’ konvenuta fuq bazi ta’ “*secondment*” huwa dovut unikament ghall-fatt li s-socjeta’ konvenuta ma kinitx lesta tkompli tonora il-ftehim li ghamlet mal-attur li jserviha “*on* secondm*ent basis*” ghal tlett snin fil-kariga ta’ Chief Executive;

Premess illi s-socjeta’ konvenuta ma hijiex propensa tikkumpensa lill-attur ghat-telf li sofra bit-terminazzjoni forzata tal-ftehim tal-impieg u r-ritorn tieghu hesrem fis-servizz tal-Airmalta p.l.c. ;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li meta s-socjeta’ konvenuta insistiet mal-attur li huwa ma ikomplix jokkupa l-kariga ta’ Chief Executive

maghha “on secondment basis” u huwa kellu jirrizenja mill-impieg tieghu mal-Airmalta p.l.c., is-socjeta’ konvenuta maret kontra u ma onoratx l-ftehim tat-28 ta’ April, 1997 (Dok A) li hija ghamlet mal-attur;

2. Tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghall-pregudizzju u dannu kollu li l-inadempienza da parte taghha tal-ftehim imsemmi arrekat lill-attur, inkluz nofs is-salarju u l-beneficcji li ghalihom l-attur kien intitolat ghal perijodu rimanenti ta’ tlett snin;

3. Tillikwida l-imsemmija danni li l-attur sofra u

4. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta inkluza dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta** a fol. 14 tal-process fejn eccepiet:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu repinti bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet segwenti :-

1. Fl-ewwel lok l-eccippjenti jichdu kategorikament illi huma ghamlu xi pressjoni jew insistenza mal-attur biex jirrisenja mall-kariga li kien jokkupa ta’ Chief Executive. L-attur kien gie konfrontat b’ghazla f’cirkostanzi fejn kien hemm qbil illi l-posizzjoni tieghu fuq basi ta’ “secondment” ma kinitx aktar kompatibbli mal-pjanijiet tal-Gvern Malti li jipprivatiza l-istess socjeta’ konvenuta. Fl-ahhar mill-ahhar id-decizjoni li jigi terminat il-ftehim li permez tieghu l-attur kien “seconded” mas-socjeta’ konvenuta ttiehded mill-attur liberament u xjentement ; fuq kollox l-attur ha decizjoni tieghu minghajr ma ghamel l-icken tentattiv li jesplora x’kondizzjonijiet ta’ impjieg kien ikollu li kieku

ghazel li jibqa' fil-kariga tieghu u assuma unilateralment li kien ser jibqa' impjegat fuq basi ta' kuntratt indefinit.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kuntratt li permezz tieghu l-attur dahal f'impieg mas-socjeta' konvenuta fuq basi ta' "secondment" ma jistax jitqies bhala kuntratt ta' impjieg normali. Bid-decizjoni tieghu l-attur irriverta ghall-impjieg originali tieghu mal-Air Malta bl-istess kondizzjonijiet ta' impjieg illi huwa kellu originarjament u ghaldaqstant r-rimedju ghall-kumpens invokat mill-attur ma japplikax ghac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed jissottometti li kienet is-socjeta' konvenuta li insistiet mieghu li huwa ma ikomplix jokkupa l-kariga ta' Chief Executive maghha "on secondment basis" u ghalhekk kellu jirrizenja mill-impieg tieghu maghha. Is-socjeta' konvenuta maret kontra u ma onoratx l-ftehim tat-28 ta' April, 1997 (Dok a fol 70 ) li hija ghamlet mieghu.

L-attur spjega li huwa kien gie seconded mal MIA mill Air Malta ghall tlett snin skond il-kuntratt imsemmi. Imbaghad wara sena u xi haga kien gie infurmat li minhabba l-process ta' *privitasation* il-posizzjoni tieghu bhala Chief Executive mal MIA ma kientx aktar *tenable* u ghalhekk kellu jiddeciedi x'ser jaghmel cjoe jew jibqa mal-MIA jew imur lura mal-Air Malta. Hu kien ha dak il-post ta' *secondment* minhabba prospetti fil karriera u meta tbiddel ix-xenarju hu ma hassux komdu u seren li jista' ikompli jahdem ma' l-MIA kif kien intrabat li jaghmel. Kienet saret pressjoni fuqu biex jiddeciedi dwar il-futur tieghu u fil-fatt iddecieda li jmur lura ma l-Air Malta. Il-konvenut xehed li hu ma kellux ghazla billi kull decizjoni tieghu kienet soggetta ghall fatt li l-kumpanija ddecidiet li ma tkomplix bis-secondment tieghu mal MIA ghax ma kinitx kompatibbli mal-*privatisation.*

Minn naha l-ohra l-konvenuti cahdu kategorikament illi huma ghamlu xi pressjoni jew insistenza ma' l-attur biex jirrizenja mill-kariga li kien jokkupa ta' Chief Executive. Huma jghidu li d-decizjoni li jigi terminat il-ftehim li permezz tieghu l-attur kien "seconded" mas-socjeta' konvenuta ttiehded mill-attur liberament u xjentement u minghajr l-icken tentattiv li jesplora x'kondizzjonijiet ta' impjieg kien ikollu li kieku ghazel li jibqa' fil-kariga tieghu u assuma unilateralment li kien ser jibqa' impjegat fuq basi ta' kuntratt indefinit.

Tikkunsidra

L-attur isostni li hu giex sfurzat li jirrizenja mill-kariga li kellu mal-konvenuti mentri l-konvenuti jsostnu li hu kellu kull opportunita li jibqa mal MIA.

Il-konvenuti issottomettew li l-attur fil-fatt kellu dina l-ghazla cjoe jew imur lura mal-Air Malta jew inkellha jibqa mal MIA b'kuntratt iehor. Huma qalu u dan mhux michud mill-attur (ara notamenti tieghu a fol. 6 et seq) li l-ministru kien ipproponilu li jsir kuntratt iehor mal MIA u li l-post ta' Chief Executive ma kienitx *in question*. Lanqas ma issemmew riduzzjoni jew kambjamenti negattivi fil-kondizzjonijiet tal-impieg. Lanqas ma gie diskuss definite jew indefinite contract. Il-kondizzjonijiet li huwa kellu taht is-*secondment* ma kienux ser jitmissu. L-attur jammetti li hu ma kienx ghamel kontroproposti ghal dak li gie offert lilu mill-konvenuti.

Mill ittra mibghuta mic-Chairman ta' dak iz-zmien ezibita a fol 53 jirrizulta li kienu saru tentativi biex l-attur jibqa mal MIA. Hu kien kitiblu li:

" *I had hoped that the meeting could have prevailed on you to remain as CEO and as Director at MIA, and I regret that we could not dissuade you from your decision to leave the company…. I have no option but to concede that ultimately you have the final responsibility for deciding where your future prospects best lie".*

B’risposta ghal dina l-ittra l-attur kien informa lill konvenuti li hu kien iddecieda li jmur lura mal-Air Malta “in view of the shareholder’s decision to request me to determine my secondment because of the privatisation process, I have had to reach a decision at this early stage.”

L-attur jippretendi li l-konvenuti ma onorawx il-kuntratt li kellu maghhom ghalhekk talab kompensazzjoni. Hu kiteb hekk:

“ *In view of this, I kindly request the Company to remunerate my efforts and eventual loss by paying me the difference based on a 2 year period, between my salary and that which the Company considers appropriate for the position of CEO with the current duties and responsibilities. I also request consideration for the payment of the bonus for my first year of secondment*” fol 51.

L-attur ghamel riferenza ghall ftehim dwar is-*secondment* u partikolarment ghall artikolu 15 li jara hekk:

*This agreement shall remain binding between the Employee and the Company and any eventual successor/s of the Company and in the event of any amalgamation, merger, separation of parts of the current corporate entity, change of name or shareholders, or any other modification whatsoever to the current corporate structure*. Fol 75.

Skond dana l-ftehim l-attur kien marbut ghal tlett snin *b’secondment* mal-MIA u l-konvenuti ma setghux jiksruh jew joffrulu xi kuntratt iehor differenti minn dak li hu kien iffirma meta gie *seconded* mal konvenuti. L-ghazla li tawh l-konvenuti minhabba l-privatisation, cjoe li jmur lura mal Air Malta jew li jibqa mal-MIA b’kuntratt iehor gdid ghalkemm apparentement bl-istess kondizzjonijiet, it-tnejn kienu jiksru l-ftehim imsemmi u ghalhekk l-attur kien gustifikat li jghid li ma kellux ghazla. Hu ghazel it-triq lanqas dannuza ghalih cjoe li jmur lura mal-Air Malta billi l-posizzjoni tieghu futura mal-MIA bil privatization kienet aktar prekarja.

Ghalhekk jirrizulta li meta s-socjeta' konvenuta insistiet ma l-attur li huwa ma ikomplix jokkupa l-kariga ta' Chief Executive maghha "*on secondment basis*" u huwa kellu jirrizenja mill-impieg tieghu , is-socjeta' konvenuta maret kontra u ma onoratx l-ftehim li hija ghamlet mal-attur;

Il-konvenuti qed jeccepixxu wkoll li bid-decizjoni tieghu l-attur irriverta ghall-impjieg originali tieghu mal-Air Malta bl-istess kondizzjonijiet ta' impjieg illi huwa kellu originarjament anzi ahjar u ghaldaqstant r-rimedju ghall-kumpens invokat mill-attur ma japplikax ghac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

L-attur spjega li ghalkemm huwa veru li meta rritorna mal Air Malta hu sab kondizzjonijiet ahjar milli kellu qabel izda dawn kienu aghar minn dawk li kien ikollu kieku baqa mal MIA bis-*secondment* miftiehem. Hu spjega li kien hemm prospetti ta' *reorganization* fil kariga ta' CEO mal MIA fil-futur immedjat u tilef diversi beneficci bhala *allowances* u *loss* fis-social status.

Il-Qorti taqbel li ghalkemm meta l-attur irritorna mal Air Malta il-kondizzjonijiet tax-xoghol kienu ahjar minn li kellu qabel telaq, izda xorta wahda kienu aghar minn dawk li kellu u kien ser ikollu kieku baqa' mal-MIA on secondment ghaz-zmien kollu miftiehem.

L-attur ipprezenta talba ghal kumpens ara fol 55. Hu qed jippretendi s-somma ta' Lm19,446.

Hu talab:

- Lm9,100 konsistenti f'nofs il-paga mal MIA ghal 19.5 xhur li kien baqa kieku kompla skond il-ftehim tas-*secondment*, - Ara art.4.a. tal-ftehim.
- Lm7,600 f'telf ta' zieda li kellha tinghata.
- Lm1.771 f'telf minn tnaqqis fil-paga ma' l-Air Malta
- LMm975 f'allowances mitlufa (art 5 tal-ftehim).

L-ammont ta’ Lm9,100 hu dovut billi l-attur gie sfurzat li jitlaq.

Dwar l-ammont ta’ Lm7,600 l-Qorti hi tal-fehma li dana l-ammont mhux dovut billi dina kienet biss weghda ta’ *reorganization* u prospettivi ghal futur u mhux kondizzjoni fil-kuntratt. Kien ghadu ghaddej process ta’ konsultazzjoni u ma kien gie approvat xejn mill-awtoritajiet.

Il Lm1,771 u Lm975 m’humiex dovuti billi l-attur ser jigi kumpensat b’nofs is-salarju.

Ghalhekk l-ammont dovut lill attur huwa ta’ Lm9,100.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur
u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ Lm9,100
bl-imghax mid-data tas-sentenza sal eventwali pagament
u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------